MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2006

Numru 12/2004

Ir-Repubbblika ta Malta
Vs
Omar Mohamed Mehemud Erayani

**Il-Qorti,**

**Rat l-Att tal-Akkuza numru 12 tas-sena 2004 kontra l-akkuzat Omar Mohamed Mehemud Erayani, li bih huwa gie akkuzat talli:**

**1) Wara li l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubbblika ta' Malta, ppremetta fl-Ewwel Kap illi sa Dicembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), Omar Mohamed Mehemud Erayani kien diversi drabi gie Malta fuq kwistjonijiet ta' negozju w kummerc. Izda, gara li ghall-habta tal-ahhar ta' Novembru w l-bidu ta' Dicembru tal-imsemmija sena, huwa ghamel konoxxenzi ma' xi persuni li kellhom sfond ta' traffikar ta' droga.**

**F'dan il-perjodu huwa kien ghamel konoxxenza ma' certu Haled, Fawsi u Murad li kienu jinsabu gewwa l-Libja. Kien dan Haled li kien qieghed jibghat lil Omar Mohamed Mehemud Erayani hawn Malta sabiex idahhal id-droga hawn u jghaddiha lil terzi persuni hawn Malta ukoll. Omar Mohamed Mehemud Erayani kien accetta li jaghmel dan kollu b'xejn u semplicement bi pjacir ghal haddiehor, ghalkemm fl-istess waqt kien spicca sabiex jidhol socju ma' dawn il-persuni l-ohra fit-traffikar tad-droga.**

**Nhar it-tmintax ta' Dicembru, 2003, Omar Mohamed Mehemud Erayani kien dahal Malta bil-ghan li jimporta d-droga w jghaddiha lil terza persuna l-ghada jew f'xi jiem wara skond kif miftiehem ma' Haled.**

**Fortunatament, meta Omar Mohamed Mehemud Erayani gie biex idahhal id-droga hawn malta, kif jigi elaborat ahjar fit-tieni kap hawn taht imsemmi, nqabad fil-fatt mill-Pulizija Maltija biex b'hekk din l-assocjazzjoni ta' bejnu, Haled, Fawsi u Murad fl-importazzjoni w traffikar tad-droga giet sfrattata w intemmet fix-xejn.**

**Illi b'ghemilu, l-imsemmi Omar Mohamed Mehemud Erayani sar hati talli assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jitraffika medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Omar Mohamed Mehemud Erayani hati talli assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.**

**Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, w illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d), 22(f) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.**

**2) Wara li l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fit-Tieni Kap illi, kif ga' allegat taht l-Ewwel Kap hawn fuq imsemmi, parti mill-mezzi kkumbinati bejn Omar Mohamed Mehemud Erayani u Haled, u anke mal-persuni l-ohra fl-assocjazzjoni ta' bejniethom fl-importazzjoni w traffikar tad-droga, kienet tikkonsisti f'illi l-istess Omar Mohamed Mehemud Erayani jiehu pussess tad-droga gewwa l-Libja, hekk kif moghtija lilu minn Haled, jahbiha fuq persuntu w jdahhalha hawn Malta.**

**Effettivament, nhar l-istess 18 ta' Dicembru, 2003, bi ftehim u bl-ghajnuna ta' Haled, Omar Mohamed Mehemud Erayani, heba kwantita' ta' herojina f'cirka seba kapsuli taht "knee-cap" li huwa kien liebes f'irkubtejh.**

**Dak inhar, Omar Mohamed Mehemud Erayani qabad it-titjira ghal Malta minn Tripoli, Libja. Hekk kif wasal Malta dak inhar, huwa sab lill-Pulizija Maltija flimkien ma' Ufficjali tad-Dwana jistennewh sabiex jaghmlulu tfittxija peress li l-istess Awtoritajiet Maltin kellhom ga' informazzjoni anonima li persuna fuq dik it-titjira kienet sejra iddahhal kwantita' konsiderevoli tal-medicina perikoluza herojina f'Malta.**

**Minn tfittxija li saritlu fuqu, Omar Mohamed Mehemud Erayani nstab li kellu w li kien dahhal f'Malta kwantita' kbira ta' herojina fil-kapsuli mohbija taht "knee-cap" fuq irkobtu.**

**Illi ma kien hemm ebda licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-Ordinanza dwar Medicini perikoluzi li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluza msemmija.**

**Illi b'ghemilu l-imsemmi Omar Mohamed Mehemud Erayani sar hati talli importa, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (herojina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Omar Mohamed Mehemud Erayani, hati talli mporta, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (herojina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett.**

**Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, w illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 10, 12, 14, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(I)(3A)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 17(b), 20, 23**

**u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.**

**3) Wara li l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fit-Tielet Kap illi dak inhar tat-tmintax ta' Dicembru, ghall-habta tal-ghaxra w kwart ta' filghaxija, gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, appena wasal Malta mill-Libja w in segwitu ghal tfittxija li l-Awtoritajiet Maltin ghamlu fuq persuntu, Omar Mohamed Mehemud Erayani nstab xjentement fil-pussess ta' kwantita' konsiderevoli ta' herojina, b'purita' pjuttost gholja, li kienu mohbija f'kapsuli li huwa kien qed igorr fuq irkobtu taht "knee-cap" li kien liebes. Tali kwantita' ta' droga kellha valur potenzjali minimu, fis-suq lokali klandestin, ta' eluf kbar ta' Liri Maltin.**

**Omar Mohamed Mehemud Erayani ma kienx xi bniedem li qatt abbuza minn xi droga ossia medicina perikoluza, wisq inqas mill-herojina. Huwa lanqas ma kellu l-hsieb li mall-ewwel opportunita' li jkollu jiddikjara l-pussess tieghu tal-herojina lill-Awtorita' Doganali Maltija u/jew li jaghti f'idejhom l-istess medicina perikoluza.**

**Illi d-droga herojina hija droga specifikata fl-Ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u l-imsemmi Omar Mohamed Mehemud Erayani ma kellux awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni tad-droga msemmija mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni dik id-droga. Anqas kien b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w anqas kien awtorizzat mill-President ta' Malta li jkollu d-drogi fil-pussess tieghu. Anqas giet id-droga msemmija fornita lill-istess Omar Mohamed Mehemud Erayani ghall-uzu tieghu skond xi ricetta kif provdut fir-regolamenti.**

**Illi b'ghemilu l-imsemmi Omar Mohamed Mehemud Erayani sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina li ghalija tapplika t-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsim VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Omar Mohamed Mehemud Erayani, hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina li ghalija tapplika t-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma' kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juri li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.**

**Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, w illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-artikoli 17(h), 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat, inkluz li l-akkuzat jigi ddikjarat bhala immigrant ipprojbit u li jinhareg ordni ta' tnehhija kontra tieghu skond l-artikoli 14 u 15 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;**

**Rat in-Nota tat-2 ta' Marzu, 2006 li biha l-akkuzat informa lil din il-Qorti illi ma hemmx il-htiega illi jissejhu l-gurati ghas-smiegh tal-guri tieghu peress illi probabbilment ser tigi registrata ammissjoni in vista tal-ftehim milhuq bejn id-difiza w l-prosekuzzjoni dwar il-piena applikabbli.**

**Rat illi waqt is-seduta tal-lum l-akkuzat, mistoqsi jekk hux hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li hu kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;**

**Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w tatu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqgha jtenni t-twegiba li hu kien hati;**

**Tiddikjara ghalhekk lil Omar Mohamed Mehemud Erayani hati li :-**

**1. fit-18 ta' Dicembru, 2003 u fil-granet precedenti , assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jitraffika medicina w droga herojina f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni , w dan skond l-ewwel kap tal-Att ta' l-Akkuza;**

**2. talli fl-istess data tat-18 ta' Dicembru, 2003, importa, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (herojina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett, w dan skond it-tieni kap tal-Att ta' l-Akkuza;**

**3. talli fl-istess data tat-18 ta' Dicembru, 2003, kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina li ghalija tapplika t-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan skond it-Tielet Kap tal-att tal-Akkuza;**

**Rat il-verbal li bih il-prosekuzzjoni w d-difiza qablu li ghall-fini tal-piena ghandu jkun hemm l-assorbiment tal-ewwel u t-tieni akkuza fit-tielet akkuza peress li dawn servew bhala mezz biex jigi kommess ir-reat taht it-tielet kap ta' l-att ta' l-akkuza, skond l-artikolu 17 (h) tal-Kap.9.**

**Semghet ix-xhieda tal-Ispettur Norbert Ciappara li qal li, ghalkemm fil-bidu l-hati kien tah verzjoni li ma deheritx kredibbli, wara li l-hati kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati kien talab li jerga jkellem lill-Ispettur bil-permess tal-Qorti w, meta nghata dan il-permess, kien zvela max-xhud li kienu baghtuh Malta bid-droga certu Murad El Geoffrey u certu El Fawsi. Kien ank tah numru tal-mobile phone ta' dan Murad. Meta mbaghad fid-19 ta' Settembru, 2004, kien tressaq il-Qorti certu Murad minn Spettur iehor, ix-xhud kien irceva telefonata mill-habs fejn kienu qalulu li l-hati kien rega' xtaq ikellmu. Wara li kiseb il-permess tal-Qorti biex dan ikun jista' jsir, l-hati kien zvelalu li dan kien l-istess Murad li kien baghtu Malta bid-droga. Sussegwentement fl-4 t'Ottubru, 2004, il-hati kien xehed fil-kumpilazzjoni kontra Murad u identifikah bhala l-persuna li kienet baghtitu Malta bid-droga. B'hekk il-hati kien sahhah il-kaz tal-prosekuzzjoni kontra Murad u l-prosekuzzjoni sahansitra setghet izzid akkuzi ohra kontra l-istess Murad.**

**Rat il-verbal ta' Dr. Mark Said ghall-prosekuzzjoni li bih iddikjara li, in vista tad-deposizzjoni tal-Ispettur Ciappara, l-prosekuzzjoni kienet taqbel li f'dan il-kaz kien applikabbli l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 li jipprovdi ghall-tnaqqis fil-piena.**

**Semghet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur dwar il-piena;**

**Qieset is-sottomissjonijiet** kollha **dwar il-piena maghmula mill-abbli difensur, Dr. Roberto Montalto, li**

**jinsabu kollha registrati w senjatament, <u>imma mhux biss</u>, is-segwenti :-**

**1. li kif kien jidher mill-verbal a fol. 42 tal-Istruttorja, d-difiza tal-hati kienet iddikjarat li ma kellhix oggezzjoni li l-hati jikkomunika mall-prosekuzzjoni biex ikun jista jaghtiha nformazzjoni ulterjuri, kif fil-fatt ghamel;**
**2. li l-ammont ta' drogi involut ma kienx wiehed kbir u kien jikkonsisti biss f'cirka 38 grammi ta' purita' ta' 40%;**
**3. illi tant il-hati ma kienx tal-mestier li jinqabad ghax wera certu eccitament zejjed li gie nnotat mill-ufficjali tad-dwana;**
**4. illi skond id-difiza, l-piena xierqa f'dan il-kaz kellha tkun wahda ta' hames snin prigunerija w hamest elef lira multa;**

Qieset is-sottomissjoni tal-abbli prosekutur u cioe' :-
1. li hawn veru si trattava ta' ammont mhux kbir wisq ta' circa 38.095 grammi ta' 40% purita' w li bix-xhieda tal-hati f'kaz iehor inqabad haddiehor u setgha jigi akkuzat b'reati konnessi mad-droga;
2. illi l-Artikolu 29 kien applikabbli ghall-kaz;
3. illi l-prosekuzzjoni kienet taqbel li piena adegwata ghal dan il-kaz kienet tkun dik mitluba mid-difiza.

Rat illi l-fedina penali tal-hati hija nadifa;

Ikkonsidrat

**Li ghalkemm il-piena ghar-reati kollha ammessi mill-hati hija dik ta' ghomor il-habs, l-Artikolu 492 (1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi meta f'xi stadju qabel jigi ffurmat il-guri l-akkuzat jammetti l-htija tieghu w ghal fatt li jigi ammess mill-akkuzat ikun hemm stabbilita l-piena ghal prigunerija ghall-ghomor, il-Qorti tista', minflok il-piena msemmija, taghti l-piena ta' prigunerija ghal zmien minn tmintax il-sena sa tletin sena;**

Illi inoltre skond il-proviso tal-artikolu 22(2)(a)(i)(aa) tal-Kap.101, meta l-Qorti tkun tal-fehma li meta tqis l-eta' tal-hati, il-kondotta ta' qabel tal-hati, il-kwantita' tal-medicina w x-xorta w l-kwantita' tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat, il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, f'kazijiet bhal dawn il-Qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-prigunerija ghal zmien ta'mhux inqas minn erba snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta' mhux inqas minn elf lira izda mhux izjed minn hamsin elf lira.

**Ikkonsidrat ;**

**Il-Qorti qieset favur l-akkuzat l-eta' tieghu, l-ammont tad-droga in kwistjoni, l-kondotta netta tieghu w il-fatt li hu ikkopera mall-Pulizija kontra min kien inducieh biex jibda jimporta d-droga f'Malta w ghalhekk, kif taqbel l-istess prosekuzzjoni, hu kellhu jibbenefika mit-tnaqqis mill-piena kontemplat fl-Artikolu 29 tal-Kap. 101.**

**Mill-banda l-ohra pero' din il-Qorti ma tistax tinjora li hawn si trattava ta' 38.095 grammi eroina ta' purita ta' circa 40%, kif ukoll il-fatt li d-delitti ammessi mill-hati qed ikun ta' pjaga kbira ghas-socjeta' Maltija w ta' kawza ta' rovina tal-hajja ta' tant persuni, partikolarment zaghzagh, u li d-delitt sar bl-abbuz tal-ospitalita' li s-socjeta' Maltija testendi lill-vizitaturi f' dawn il-Gzejjer.**

**Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14 (1)(5), 15A, 20, 22 (1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(aa)(3A)(b)(c)(d), 26 u 29 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) w r-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939) u l-artikoli 17(h), 23, u 533 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-artikoli 14 u 15 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hati Omar Mohamed Mehemud Erayani ghall-piena ta' hames (5) snin prigunerija – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in**

**konnessjoni mar-reati hawn minnu ammessi - u ghall-multa ta' hamest elef lira Maltin (LM5,000), li jekk ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum, jigu konvertiti fi tnax (12) il-xahar prigunerija skond il-ligi vigenti w applikabbli, kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta' mija w zewg liri Maltin u tletin centezmu, (LM 102.30c.) rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali w tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati ;**

Inoltre, fil-waqt li tiddikjara lill-hati Omar Mohamed Mehemud Erayani bhala immigrant ipprojbit, tordna li jinhareg ordni ta' tnehhija tieghu minn dawn il-Gzejjer skond l-artikoli 14 u 15 tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ordni ghandu jigi esegwit appena w biss wara li jiskonta l-piena tieghu skond din is-sentenza.

**Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita u l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-Ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali u lill-hati.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------